MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 254/2005

**Norman u Sharon konjugi Aquilina**

**vs**

**Ann Jenkins u Edwin Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati :

1. Illi jhallsu lura lill-atturi s-somma ta' tlett elef, tlett mija u tmenin Lira Maltin, (LM3,380.00,0), rapprezentanti refuzjoni ta' depozitu akkont li kien imhallas lilhom fuq konveju ta' bejgh datat is-16 ta' Lulju tas-sena 2004 hawn anness u mmarkat dok A. liema

konvenju ma baqax aktar vinkolanti bejn il-kontendenti stante li t-terminu tieghu skada minghajr ma saret sejha minn ebda parti sabiex jigi ppubblikat l-att notarili relattiv ta' trasferiment;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta' Frar tas-sena 2005 kontra l-konvenutiminn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat mid-dokument immarkat Dok NA 1 li l-konvenuti fuq indikati huma debituri ta' l-atturi fl-ammont indikat fl-avviz odjern;

Illi l-konvenuti ghadhom ma ssaldawx dan l-obbligu favur l-atturi;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenuti ann Jenkins u Edwin Bartolo debituri ta' l-atturi Norman u Sharon konjugi Aquilina fl-ammont ta' tlett elef, tlett mija u tmenin Lira Maltin, (LM3,380.00,0);

2. Tikkundanna lill-imsemmija konvenuti biex ihallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

3. Tikkundanna wkoll lill-istess konvenuti biex ihallsu l-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------